SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 39/K8/17**

Data tal-laqgħa: 23 ta' Novembru 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Albert Buttigieg – Viċi - Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (2)**

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. 7365/17)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Connie Said – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

39.1.01 L-Kunsilliera Rita Dimech Portell talbet li tigi skużata għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

39.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 38/K8/17 għall-approvazzjoni.

39.2.02 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci wasal fl-4.12p.m.

39.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 38/K8/17.

39.2.04 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ssekonda l-minuti

39.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

39.2.06 Il-Kunsillier Martin Sultana staqsa rigward il-Football Ground ta' Ta' Ġiorni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand il-*Lands Department*. Għaldaqstant ġie deċiż li terġa' tintbagħat *reminder.*

**39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

39.3.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

**39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

39.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**39.5 Tender rigward gym equipment**

39.5.01 L-*Evaluation Board* irrakkomanda li jiġi magħżul it-*tende*r tar-Roads Maintenance Services Ltd.

39.5.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Martin Sultana ppropona li jiġi aċċetat it-*tender* tar-Roads Maintenance Services Ltd rigward il-gym equipment.

39.5.03 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ssekondah.

39.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**39.6 Tender rigward playing equipment**

39.6.01 L-*Evaluation Board* irakkomanda li jiġi magħżul it-*tender* tar-Roads Maintenance Services Ltd.

39.6.02 Il-Kunsillier Martin Sultana informa l-Kunsill li hu ma qabilx mad-deċizjoni ta' l-*Evaluation Board*, peress li kien qed jipproponi li l-equipment magħżul għandu jkun tal-plastik.

39.6.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li jigi aċċetat it-*tende*r tar-Roads Maintenance Services Ltd.

39.6.04 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ssekondah.

39.6.05 L-offerta ġiet aċċettata.

**39.7 Attivitajiet tal-Milied**

39.7.01 Iċ-Ċermen nforma l-Kunsill li ser jiġi organizzat *Coffee Morning* għall-anzjani nhar is-6 ta' Diċembru 2017.

39.7.02 Iċ-Ċermen informa l-Kunsill li ser isir kunċert fil-Knisja ta' Lapsi nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017.

39.7.03 Il-*Community Chest Fund* infurmaw liċ-Ċermen sabiex bejn l-1 u 3 ta' Dicembru 2017 l-Kunsill jorganizza attivita' ġewwa l-Pjazza Spinola quddiem il-Love Monument. L-iskop ta' din l-attivita' hu li jinġabru fondi.

39.7.04 Iċ-Ċermen informa li beda jintrama l-armar tal-Milied ġewwa San Ġiljan. Il-*Malta Tourism Authority* ser jagħtu donazzjoni ta' €3,000 lill-Kunsill, sabiex isir it-tiżjin fit-toroq ta' Paceville.

39.7.05 L-ikla tal-Milied ser issir ġewwa l-Buffalo Bill nhar il-Ġimgha 5 ta' Jannar 2018 fit-08.00p.m.

39.7.06 Nhar l-Erbgħa 29 ta' Novembru 2017 fit-08.00p.m. ser jsiru drinks fi Spinola Park mal-Perit Demicoli.

39.7.07 Ġie deċiż li għandha ssir bibita' bejn l-Kunsill, il-Kumitat Amministrattiv kif ukoll l-istaff nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017 fis-7.30p.m.

39.7.08 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-għada tal-Milied is-26 ta' Diċembru 2017, l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ser ikun magħluq. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**39.8 Taraġ tal-Knisja Parrokjali**

39.8.01 Iċ-Ċermen ressaq proposta mingħand il-Perit Ray DeMicoli mehmuż bħala '*Appendici A*, rigward it-taraġ tal-Knisja Parrokkjali.

39.8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li din il-proposta tista' teħel min-naħa tal-Kummissjoni Persuni b'Diżabilita'.

39.8.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel unanimament li jidħol għal dan il-proġett, jinħarġu l-offerti u napplikaw għall-fondi mill-UIF.

**39.9 Talbiet żgħar;**

**39.9.01 Email mingħand l-Onor. Silvio Parnis biex nibagħtu s-suġġerimenti tagħna (Inc. 5987/17)**

39.9.01.01 Saret riferenza għall-email l-Onor. Silvio Parnis. Wara li ma daħlu l-ebda proposti mingħand il-Kunsilliera, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill, sabiex min għandu xi proposti, jgħaddihom lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex idaħħalhom bħala proposti tal-Kunsill.

**39.9.02 Email mingħand is-Sinjura Sharon Scifo rigward *claim* għal-inċident bil-vettura (Inc. 6529/17)**

39.9.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Sharon Scifo. Wara diskussjoni qasira ġie deċiz unanimament li l-Kunsill jilqa' t-talba tas-Sinjura Scifo.

**39.9.03 Email mingħand Louiselle Pace Gouder dwar objection fir-rigward bini propost ġo No 65, Triq il-Kbira (Inc. 6835/17)**

39.9.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Louiselle Pace Gouder. Il-Kunsill apprezza l-*objection* li saret mingħand is-Sinjura Pace Gouder, u rringrazzja lis-Sinjura Pace Gouder ta' l-interess u wiegħed l-appoġġ tiegħu.

**39.9.04** **Email mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola rigward Programm Mużikali Annwali fi żmien il-Milied (Inc. 6948/17)**

39.9.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta Mużikali Spinola joħroġ l-inviti għal dan il-programm u tingħata għajnuna finanzjarja.

**39.9.05** **Ittra mingħand Pendergardens dwar għotja ta' 310 Maltese indigenous trees (Inc. 7042/17)**

39.9.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand Pendergardens. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tiġi kkonfermata l-ittra tagħhom, u jitħawwlu s-siġar taħt il-pont fejn San Ġużepp.

**39.9.06** **Email mingħand Floriane Cappelletti dwar *Convenant of Mayors* 2018 Ceremony & Investment Forum (Inc. 7063/17)**

39.9.06.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand Floriane Cappellatti rigward il-*Convenant of Mayors* 2018. Kien hemm qbil unanimu li s-Sindku jattendi suġġett li jara li ser jattendu Sindki oħra.

**39.9.07** **Email mingħand Edward J. Gatt f'isem Deco Malta dwar reklami fuq *street furniture* (Inc. 7102/17)**

39.9.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand Edward J. Gatt rigward reklamar fuq *Street Furniture*. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tad-Deco Malta.

39.9.07.02 Il-Kunsillier John Agius qajjem l-punt rigward il-*U-Shapped Barriers* li hawn fil-lokalita'. Ġie deċiż unanimament li Segretarju Eżekuttiv jippreżenta rapport fil-laqgħa li jmiss.

**39.9.08** **Email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar *Project Watch Out* (Inc. 7152/17)**

39.9.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar *Project Watch Out*. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħti l-appoġġ tiegħu għal dan il-proġett.

**39.9.09** **Email mingħand il-Paroċċa San Ġiljan dwar ħarġa tal-Milied (Inc. 7173/17)**

39.9.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand Paroċċa ta' San Ġiljan rigward ħarġa tal-Milied. Il-Kunsill qabel li jorganiżża din il-ħarġa flimkien mal-Parroċċa San Ġiljan.

**39.9.10 Email mingħand is-Sur Michael Aquilina dwar Oratorio San Ġiljan – 26 ta' Jannar 2018 (Inc. 7201/17);**

39.9.10.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Michael Aquilina dwar il-proposta sabiex ntellgħu programm li jikkonsisti f'Oratorio fl-okkażżjoni tal-miġja tal-Istatwa tal-Patrun San Ġiljan. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan il-programm.

**39.9.11 Email mingħand is-Sur Anthony Sammut dwar applikazzjoni għall-permess (Inc. 7203/17)**

39.9.11.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Anthony Sammut rigward talba għal attivita' lejliet l-ewwel tas-sena ġewwa l-Balluta. Il-Kunsill qabel unanimament mat-talba tas-Sur Sammut.

**39.9.12 E-mail minghand is-Sinjura Svetlana Curmi mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar ġbir ta' skart separat (Inc. 7273/17)**

39.9.12.01 Is-Segretarju Ezekuttiv ta spjegazzjoni, u nforma l-Kunsill li bi qbil mal-*GreenPak*, il-kollettur ser jibda jitħallas mill-*GreenPak* minflok mill-Kunsill.

**39.9.13 Ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita Attiva', is-Sur Anthony Agius Decelis rigward premju Soċjeta Ġusta (Inc. 7290/17)**

39.9.13.01 B'riferenza għal l-ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita Attiva', is-Sur Anthony Decelis, ġie deċiz unanimament li tiġi nnominata s-Sinjura Marika Borg Wirth. Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg għandu jikkuntatja lis-Sinjura Borg Wirth sabiex jiċċekja jekk taċċetax din in-nomina.

**39.9.14 E-mail mingħand is-Sinjura Mary Abdilla mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *exercise classes* for older adults (Inc. 7302/17)**

39.9.14.01 Ġie deċiż unanimament lis-Sinjura Abdilla tiġi nfurmata li l-Kunsill ma joffriex dawn it-tip ta' *classes*.

39.9.14.02 Il-Kunsillier Martin Sultana ġie skużat fis-5.45p.m.

**39.9.15 E-mail mingħand MAMO TCV Advocates rigward Villa Ignatius (Inc. 7432 & 7433/17)**

39.9.15.01 B'riferenza għall-email mingħand MAMO TCV Advocates rigward Villa Ignatius, wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mat-talba tagħhom.

**39.9.16 Talbiet mingħand l-istaff rigward tiġdied tal-leave (Inc. 7318, 7319 & 7320/17)**

39.9.16.01 Saret riferenza għat-talbiet mingħand l-impjegati Elizabeth Borg, Cher Carmen Fenech u Josianne Cutajar sabiex il-leave tas-sena 2017 jiġi trasferit għas-sena 2018. Wara diskussjoni qasira sabiex iġġeddu il-bilanċ tal-*leave* li l-Kunsill qabel unanimament.

39.9.16.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istaff taw ħinijiet mill-*leave* tagħhom lill-kollega tagħhom Marilyn Demanuele bħala ġest ta' solidarjeta'.

39.9.16.03 Il-Kunsilliera apprezzaw dan il-ġest.

**39.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

39.10.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 34/KA2/17 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**39.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

39.11.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (*Ara appendiċi 'B'*)

39.11.02 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

39.11.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula issekondah.

**39.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

39.12.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4302 sa 4322. (*Ara appendici 'C'*)

39.12.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**39.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

39.13.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017 fl-4.00p.m.

39.13.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 14 ta' Diċembru 2017